TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Chantelle Buttigieg

vs

Christine Lado - Room 299

CCT 130/23/ MS

10 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti prezentat fl-24 ta' Lulju 2023 fejn talbet is-somma ta' mitejn sitta u sittin euro (€266.00), hlas ta' servizz tax-xaghar li ma nghatax b'mod professjonali kif ukoll danni sofferti mir-rikorrenti, u dan wara li r-rikorrenti kellha tmur ghand terzi biex taghmel tajjeb ta' dak li sar hazin min-naha tal-intimata.

Ra r-risposta tal-intimata fejn eccepiet li t-talba ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti kienet unikament responsabbli ghal danni li garrbet u dan minhabba l-agir u d-decizjoni unilaterali taghha li titlaq mis-salon 299, kontra l-parir tal-istess intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Mejju 2023 ir-rikorrenti ghamlet appuntament ghand l-intimata biex taghmel 'babylights' fuq ir-'*regrowth area*' ta' xagharha. Ir-rikorrenti qalet illi meta marret ghand l-intimata biex taghmel dan il-kulur, wara li beda l-process u qabel ma gie konkluz, hi ddecidiet minn jeddha illi titlaq mill-hanut tal-intimata qabel il-hin. Ikkonfermat illi xi kwarta wara l-applikazzjoni u qabel il-konkluzjoni tal-process kollu, hi qabbdet u telqet lejn id-dar. Din id-decizjoni ma kenitx ir-rizultat ta' xi disgwid jew argument bejn il-partijiet, izda sempliciment ix-xewqa tar-rikorrenti.

Meta marret id-dar u hasslet xagharha sabet dizastru u immedjatament baghtet messagg lill-intimata. Fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrenti stqarret Illi ghalkemm fl-avviz taghha hija talbet is-somma ta' €266.00, fil-fatt hi kienet qed titlob €466.00 - kwantu ghal €75.00 il-

prezz tal-*baby highlights*, kwantu ghal €175.00 - dak li hallset lil Skin Solutions biex tirrimedja x-xoghol hazin li sar mill-intimata, u €191.00 il-prezz li hallset ghall-process ta' straightening illi kienet ghamlet erba' xhur qabel. Ir-rikorrenti ikkonfermat illi hi toqghod il-Mellieha u li l-hanut tal-intimata kien f'Hal Qormi. Qalet ukoll li qabel ma marret id-dar, u ghalhekk meta kienet ghadha bil-kulur f'xagharha, kellha tmur tigbed il-flus ghand l-ATM biex thallas ghas-servizz.

Ikkonfermat ukoll illi qabel ma beda l-process, ma kenitx avzat lill-intimata illi kienet ser titlaq qabel ma tispicca l-process kollu u li meta l-intimata saret taf li kienet ser titlaq, l-intimat ippruvat twaqqafha u qaltilha li ikun ahjar jekk tispicca l-process fis-salon minflok id-dar. Ir-rikorrenti kkonfermat ukoll illi hi qalet lill-intimata li kienet ser tahsel u tlahlah xagharha id-dar taghha, a riskju taghha.

Illi min-naha l-ohra, xehdet Christine Gauci Lado illi qalet illi ilha tahdem f'dan ix-xoghol ghall-hmistax - il sena u li ghalkemm kienet taf ir-rikorrenti socjalment, ma kenitx klijenta regolari taghha, u li din kienet l-ewwel darba li giet ghandha ghal servizz professjonali. Qalet illi meta hi tapplika l-highlights bil-bleach, kuntrarjament ghal dak li qalet ir-rikorrenti, minhabba li l-bleach jiehu malajr - kwistjoni ta' minuti -hemm bzonn illi taghmel toner ukoll. Qalet illi peress illi kienet applikat il-bleach fuq 'virgin hair', dan jiehu malajr hafna u l-massimu li tista' thallih fix-xahar huwa ta' xi ghoxrin jew hamsa u ghoxrin minuta. Ikkonfermat Illi wara li applikat il-bleach fuq xaghar ir-rikorrenti, xi kwarta wara ir-rikorrenti telqet mill-hanut bil-kulur f'xagharha biex tigbed flus mill-ATM, regghet giet lura umbaghad telqet lejn id-dar. Qalet illi qabel ma telqet qaltilha illi hadd qatt qabel kien ghamel hekk u li kien kun ahjar jekk tispicca l-process hemmhekk ghax meta jkollok foil fix-xahar, ikollok bzonn tahsilha malajr kemm jista' jkun u jkollok bzonn toner. Ikkonfermat illi r-rikorrenti insistiet li riedet titlaq u x'hin marret id-dar u rat ir-ritratti li r-rikorrenti baghtet fuq what's app, hadet shock kbir u l-bleach kien smaggjat ma' kullimkien.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti qed titlob ir-rifuzjoni ta' dak li hallset ghal servizz professjonali, liema servizz gie rez b'nuqqas ta' professjonalita' u diligenza. Min-naha l-ohra, l-intimata qieghda targumenta illi s-servizz ma nghatax fl-intier tieghu u dan b'kapricc tar-rikorrenti u mhux minhabba nuqqas ta' professjonalita' taghha.

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi meta si tratta ta' servizz tax-xaghar, dan huwa process professjonali illi jirrikjedi l-hin tieghu. U meta tmur ghand persuna professjonali tkun qed tikkommetti ruhhek ghall-process shih mill-bidu sal-ahhar. Il-fatt illi r-rikorrenti ammettiet illi hi ma kenitx avzat lir-rikorrenti b'dak li kienet bi hsiebha taghmel - u cjoe' li titlaq f'nofs il-process, hija bozza hamra li ma jistax jigi injorat u skartat leggerment minn dan it-Tribunal . Li kieku r-rikorrenti ghamlet il-process kellu ghand l-intimata bl-istess rizultat, forsi kien ikollha argument sod. U li kieku r-

rikorrenti avzat lill-intimata minn qabel u l-intimata accettat li taghmel il-process, hemmhekk ir-rikorrenti kien ikollha bicca ragun.
Pero' hawnkekk id-decizjoni taghha ittiehdet b'sorpriza ghall-intimata u kien fait accompli u ghalhekk hi (l-intimata) ma kellha l-ebda ghazla. Minkejja li ppruva twaqqafhat, ma setghetx u fil-mument li r-rikorrenti telqet mill-hanut bil-kulur u l-foil f'xagharha, kif qalet tajjeb hi stess, kienet qed tassumi r-riskju u r-responsabbilta' tad-decizjoni taghha.

It-Tribunal innota illi r-ritratti li ttiehdu mir-rikorrenti ma jindikawx id-data. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm ir-rikorrenti qalet illi hi marret taghmel xagharha fil-5 ta' Mejju, ma tat l-ebda indikazzjoni tal-hin li marret u wisq izjed il-hin li telqet. Li nafu, pero' illi telqet xi hmistax - il minuta wara li applikat il-kulur, marret tigbed il-flus, regghet marret lura ghand il-hanut umbaghad telqet lejn id-dar. Dan ifisser illi r-rikorrent damet almenu tlett kwarti bil-bleach/foil f'xagharha u x'aktarx iktar. Minn Hal Qormi sal-Mellieha bil-karrozza (erbatax - il kilometru) dejjem ghandekk mill-inqas hamsa u ghoxrin minuta u dan jekk wiehed ma jsibx it-traffiku.

Jidher illi r-rikorrenti hallset il-kont fl-16.49pm u ghalkemm dan mhuwiex car, il-messaggi x'aktarx ntbgahtu dakinhar stess, fit-tmienja u nofs ta' filghaxija - tliet sighat u nofs wara li hallset il-kont. It-Tribunal ghalhekk m'ghandux certezza ta' kemm damet bil-bleach f'xagharha. Terga' u tghid ir-rikorrenti ghamlet kollox wahedha u meta si tratta ta' xi haga delikata bhalma hu l-blic, ma hemm l-ebda lok ghal kwalunkwe zball. It-Tribunal jinnota wkoll Illi ghalkemm l-intimata qaltilha biex tmur l-ghada, ir-rikorrenti ma marritx u damet kwazi gimgha sakemm regghet ikkuntattjatha fil-11 ta' Mejju 2023.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha it-Tribunak jidhirlu illi l-intimata ghandha ragun u li t-talba tar-rikorrenti ma tisthoqqx li tigi milqguha.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha .

Michela Spiteri LL.D
Arbitru